**A.L. 151 ta' l-2002**

# ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

# ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA (KAP. 332)

## Regolamenti ta' l-2002 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Trasport Pubbliku (Servizzi tat-Trasport *Scheduled* u *Unscheduled)*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 27 ta' l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2002 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Trasport Pubbliku (Servizzi tat-Trasport *Scheduled* u *Unscheduled),* u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1997 dwar it-Trasport Pubbliku (Servizzi tat-Trasport *Scheduled* u *Unscheduled),* hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 242 ta' l-1997.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) minflok it-tifsira ta' "*motor route bus*" għandu jidħol dan li ġej:

" "*motor route bus*" tfisser kull vettura bil-mutur li jkollha liċenza u/jew tkun reġistrata biex iġġor aktar minn tmintax-il persuna, mhux magħdud ix-xufier, u li tkun reġistrata biex tagħmel vjaġġi *scheduled* ma' l-Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi tat-Trasport *Scheduled* tal-*Buses*; "; u

(b) minflok it-tifsira ta' "*motor minibus*" għandu jidħol dan li ġej:

" "*motor minibus* għat-trasport pubbliku" tfisser vettura bil-mutur, minn barra miżbugħa ħamra, li jkollha liċenza u/jew

tkun reġistrata biex iġġorr bi ħlas minn ħdax sa tmintax-il passiġġier, mhux magħdud ix-xufier; ".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) ir-regolament preżenti għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subregolament (1) tiegħu;

(b) fis-subregolament (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "tat-turisti jew *unscheduled* jista' " għandhom jidħlu l-kliem "tat-turisti jista' "; u

(ċ) minnufih wara s-subregolament (1) kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied dan is-subregolament ġdid li ġej:–

"(2) Ebda *motor route bus* ma għandha tintuża biex tipprovdi servizz tat-trasport għat-turisti mingħajr il-kunsens bil-miktub ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta. Dan il-kunsens jista' biss jingħata jekk ma jkun hemm disponibbli ebda vettura min dawk deskritti fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament.".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

**4.** Fis-subregolament (1) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "trasport *unscheduled,* għandu jikri" għandhom jidħlu l-kliem "trasport *unscheduled,* li ma jkunx servizz għat-turisti, għandu jikri".